MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru. 654/2010

Il-Pulizija
(Sp Jeffrey Cilia)
vs
Geoffrey Debattista, iben George, imwieled Pieta' fil-11 ta' Settembru, 1972, Karta ta' l-Identita numru 409972(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-21 ta' April, 2005 u/jew matul ix-xhur ta' qabel din id-data, fil-Fgura u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwsitati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioe' ammont ta' computer hardware, lap top computer tal-għamla Dell u diversi apparat elettroniku

ieħor fost l-oħrajn, li komplessivament għandhom valur ta' aktar minn €2,329.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-oġġetti kollha ġew ritornati lil sidhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' hmistax (15) il-xahar priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------